



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

**Strasburgu, 30 ta' Mejju 2018
(OR. en)**

**2015/0272 (COD)
LEX 1810**

**PE-CONS 9/1/18
REV 1**

**ENV 126
ENT 32
MI 109
CODEC 250**

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL LI TEMENDA D-DIRETTIVI
2000/53/KE DWAR VETTURI LI M'GĦADHOMX JINTUŻAW, 2006/66/KE DWAR BATTERIJI
U AKKUMULATURI U SKART TA' BATTERIJI U TA' AKKUMULATURI, U 2012/19/UE
DWAR SKART TA' TAGĦMIR ELETTRIKU U ELETTRONIKU**

DIRETTIVA (EU) 2018/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-30 ta' Mejju 2018

li temenda d-Direttivi 2000/53/KE dwar vetturi
li m'għadhomx jintużaw, 2006/66/KE dwar batteriji u akkumulaturi
u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi, u 2012/19/UE
dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja³,

¹ ĠU C 264, 20.7.2016, p. 98.

² ĠU C 17, 18.1.2017, p. 46.

³ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' April 2018 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018.

Billi:

- (1) L-immaniġġjar tal-iskart fl-Unjoni jenħtieġ li jittejjeb, bil-ħsieb li titghares, tinżamm u titjieb il-kwalità tal-ambjent, tkun protetta s-saħħa tal-bniedem, tkun żgurata utilizzazzjoni prudenti, effiċjenti u razzjonali tar-riżorsi naturali, u li jiġu promossi l-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari.
- (2) Biex jitnaqqas il-piż regolatorju fuq l-istabbilimenti u l-intrapriżi ż-żgħar, jenħtieġ li tiġi introdotta simplifikazzjoni tar-rekwiżiti ta' permess u reġistrazzjoni għal stabbilimenti u intrapriżi żgħar.
- (3) Ir-rapporti tal-implimentazzjoni li jħejju l-Istati Membri kull tliet snin urew li mhum iex għodda effettiva biex tkun verifikata l-konformità jew żgurata implimentazzjoni tajba, u dawn qed joħolqu piżijiet amministrattivi żejda. Għaldaqstant, jixraq li jitħassru d-dispożizzjonijiet li jobbligaw lill-Istati Membri jipproduċu tali rapporti. Minflok, il-monitoraġġ tal-konformità jenħtieġ li jissejjes esklussivament fuq data li l-Istati Membri jirrappurtaw kull sena lill-Kummissjoni.
- (4) Id-data li jirrappurtaw l-Istati Membri hi essenzjali biex il-Kummissjoni tivvaluta l-konformità mal-liġi tal-Unjoni dwar l-iskart fost l-Istati Membri. Il-kwalità, l-affidabbiltà u l-paragunabbiltà tad-data jenħtieġ li jittejbu billi jiġi introdott punt ta' dħul uniku għad-data kollha dwar l-iskart, billi jitħassru r-rekwiżiti ta' rappurtar li m'għadhomx jgħoddu, billi ssir valutazzjoni komparattiva tal-metodoloġiji nazzjonali tar-rappurtar, u billi jiġi introdott rapport ta' verifika tal-kwalità tad-data.

- (5) Ir-rappurtar affidabbli tad-data dwar l-immaniġġjar tal-iskart huwa kruċjali għal implimentazzjoni effiċjenti u biex ikunu żgurati l-paragunabbiltà tad-data fost l-Istati Membri. Għaldaqstant, meta jirrappurtaw dwar il-ksib tal-miri stipulati fid-Direttivi 2000/53/KE¹, 2006/66/KE² u 2012/19/UE³ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jenħtieġ li l-Istati Membri jużaw l-aktar regoli riċenti żviluppati mill-Kummissjoni u l-metodoloġiji żviluppati mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali rispettivi responsabbli għall-implimentazzjoni ta' dawk id-Direttivi.
- (6) Il-ġerarkija tal-iskart stabbilita fid-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ tapplika bħala ordni ta' prijorità fil-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni u l-immaniġġjar tal-iskart. Meta jikkonformaw mal-għanijiet ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkunsidraw l-ordni tal-prijoritajiet tal-ġerarkija tal-iskart u jiżguraw l-implimentazzjoni prattika ta' dawn il-prijoritajiet.

¹ Id-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw (ĠU L 269, 21.10.2000, p. 34).

² Id-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi u li tħassar id-Direttiva 91/157/KEE (ĠU L 266, 26.9.2006, p. 1).

³ Id-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE), (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 38).

⁴ Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

- (7) Fil-kuntest tal-impenn tal-Unjoni li twettaq it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, id-Direttivi 2000/53/KE, 2006/66/KE u 2012/19/UE jenħtieġ li jiġu rieżaminati u, jekk meħtieġ, jiġu emendati, filwaqt li titqies l-implimentazzjoni tagħhom u tiġi kkunsidrata, fost l-oħrajn, il-fattibbiltà li jiġu stabbiliti miri għal materjali speċifiċi fil-flussi tal-iskart rilevanti. Matul ir-rieżami tad-Direttiva 2000/53/KE, jenħtieġ li tingħata attenzjoni wkoll lill-problema tal-vetturi li m'għadhomx jintużaw li mhumix meqjusin, inkluż il-vjeġġi ta' vetturi użati suspettati li huma vetturi li m'għadhomx jintużaw, u lill-applikazzjoni tal-Linji Gwida tal-Korrispondenti Nru 9 dwar vjeġġi ta' vetturi tal-iskart. Matul ir-rieżami tad-Direttiva 2006/66/KE, jenħtieġ li jitqies ukoll l-iżvilupp tekniku ta' tipi ġodda ta' batteriji li ma jużawx sustanzi perikolużi.
- (8) Sabiex tiġi emendata jew issupplimentata d-Direttiva 2000/53/KE u tiġi emendata d-Direttiva 2012/19/UE, jenħtieġ li s-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-punt (b) tal-Artikolu 4(2) u l-Artikoli 5(5), 6(6) u 8(2) tad-Direttiva 2000/53/KE, kif emendata b'din id-Direttiva, u l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2012/19/UE, kif emendata b'din id-Direttiva. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol ta' tħejjija tagħha, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

¹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

- (9) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/53/KE fir-rigward tal-Artikoli 7(2) u 9(1d) tagħha kif emendata b'din id-Direttiva, u għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2012/19/UE fir-rigward tal-Artikolu 16(9) tagħha kif emendata b'din id-Direttiva, jenħtieġ li tiġi konferita lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.
- (10) Minħabba li l-għanijiet ta' din id-Direttiva – jiġifieri li ttejjeb l-immaniġġjar tal-iskart fl-Unjoni, u b'hekk biex tikkontribwixxi għall-protezzjoni, il-preżervazzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent, kif ukoll għall-użu prudenti u razzjonali tar-riżorsi naturali – ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni minħabba l-iskala u l-effetti tal-miżuri, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu dawk l-għanijiet.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (11) Id-Direttivi 2000/53/KE, 2006/66/KE u 2012/19/UE jenħtiegħ li għalhekk jiġu emendati skont dan.
- (12) Skont id-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar dokumenti ta' spjegazzjoni¹, l-Istati Membri ntrabtu li, f'każijiet ġustifikati, jakkumpanjaw in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġislatur iqis li t-trażmissjoni ta' tali dokumenti hija ġġustifikata,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

¹ ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

Artikolu 1
Emenda tad-Direttiva 2000/53/KE

Id-Direttiva 2000/53/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 4(2), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 9a, biex temenda l-Anness II fuq bażi regolari sabiex tadattah għall-progress tekniku u xjentifiku, bil-ġħan li:

- (i) skont kif ikun meħtieġ, tistabbilixxi valuri ta' konċentrazzjoni massimi safejn għandha tiġi ttollerata l-eżistenza tas-sustanzi msemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu f'materjali u komponenti speċifiċi tal-vetturi;
- (ii) teżenta ċerti materjali u komponenti ta' vetturi mill-punt (a) ta' dan il-paragrafu jekk l-użu tas-sustanzi msemmija f'dak il-punt ikun inevitabbli;
- (iii) tħassar materjali u komponenti tal-vetturi mill-Anness II jekk l-użu tas-sustanzi msemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu jkun evitabbli;
- (iv) tispeċifika, fir-rigward tal-punti (i) u (ii), dawk il-materjali u komponenti tal-vetturi li jistgħu jitneħħew qabel ma jgħaddu minn trattament ulterjuri u tobligahom jiġu ttikkettati jew li jsiru identifikabbli b'mezzi oħrajn xierqa.

Il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat separat fir-rigward ta' kull sustanza, materjal jew komponent ikkonċernati mill-punti (i) sa (iv).";

(2) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jirrikonoxxu b'mod reċiproku u jaċċettaw iċ-ċertifikati ta' distruzzjoni maħruġa fi Stati Membri oħra skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi rekwiżiti minimi għaċ-ċertifikat ta' distruzzjoni.";

(3) l-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-vetturi li m'għadhomx jintużaw ikunu maħżuna (anke temporanjament) u trattati skont il-ġerarkija tal-iskart u r-rekwiżiti ġenerali stipulati fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, u b'konformità mar-rekwiżiti tekniċi minimi stipulati fl-Anness I għal din id-Direttiva, mingħajr preġudizzju għall-regolamenti nazzjonali dwar is-saħħa u l-ambjent.

* Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).";

(b) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a, biex temenda l-Anness I sabiex tadattah għall-progress tekniku u xjentifiku.";

(4) fl-Artikolu 7(2), it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni dwar ir-regoli dettaljati meħtieġa għall-kontroll tal-konformità tal-Istati Membri mal-miri stabbiliti fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Fit-tħejjija ta' dawn ir-regoli, il-Kummissjoni għandha tqis il-fatturi rilevanti kollha, fost l-oħrajn, id-disponibbiltà tad-data u l-kwistjoni tal-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet ta' vetturi li m'għadhomx jintużaw. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(2).";

(5) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi l-istandards imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Fit-tħejjija ta' dawn l-istandards, il-Kummissjoni għandha tqis il-ħidma li qed titwettaq f'dan il-qasam fil-fora internazzjonali rilevanti. Il-Kummissjoni għandha tikkontribwixxi għal din il-ħidma kif xieraq.";

(6) l-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jitħassar;

(b) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"1a. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni, għal kull sena kalendarja, id-data dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 7(2).

Għandhom jirrapportaw id-data b'mod elettroniku sa 18-il xahar minn tmiem is-sena ta' rapportar li għaliha tkun inġabret id-data. Id-data għandha tiġi rrapportata fil-format stabbilit mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 1d ta' dan l-Artikolu.

L-ewwel perijodu ta' rapportar għandu jibda fl-ewwel sena kalendarja sħiħa wara l-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-format għar-rapportar, skont il-paragrafu 1d ta' dan l-Artikolu, u għandu jkopri d-data għal dak il-perjodu ta' rapportar.

1b. Id-data li jirrapportaw l-Istati Membri skont il-paragrafu 1a għandha tkun akkumpanjata b'rapport ta' verifika tal-kwalità.

- 1c. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina d-data rappurtata skont il-paragrafu 1a, u tippubblika rapport dwar ir-riżultat tal-eżami mill-ġdid tagħha. Ir-rapport għandu jivvaluta l-organizzazzjoni tal-ġbir tad-data, is-sorsi tad-data u l-metodoloġija użata fl-Istati Membri, kif ukoll il-kompletezza, l-affidabbiltà, il-puntwalità u l-konsistenza ta' dik id-data. Il-valutazzjoni tista' tinkludi rakkomandazzjonijiet speċifiċi għat-titjib. Ir-rapport għandu jitfassal wara l-ewwel rappurtar tad-data mill-Istati Membri u kull erba' snin wara dan.
- 1d. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw il-format għar-rappurtar tad-data msemija fil-paragrafu 1a ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 11(2).";

(7) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 9a

L-eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemija fil-punt (b) tal-Artikolu 4(2) u fl-Artikoli 5(5), 6(6) u 8(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva emendatorja]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.
3. Id-delega ta' setgħa msemija fil-punt (b) tal-Artikolu 4(2) u fl-Artikoli 5(5), 6(6) u 8(2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti innominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet*.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont il-punt (b) tal-Artikolu 4(2) u l-Artikoli 5(5), 6(6) u 8(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien [xahrejn] min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizzjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

- (8) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 10a

Rieżami

Sal-31 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni għandha teżamina mill-ġdid din id-Direttiva u, għal dak il-għan, għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, akkumpanjat, fejn xieraq, minn proposta leġiżlattiva.";

(9) l-Artikolu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 11

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.
2. Fejn issir riferenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Meta l-kumitat ma jagħti ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni, u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

* Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).";

Artikolu 2
Emenda tad-Direttiva 2006/66/KE

Id-Direttiva 2006/66/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 10, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. L-Istati Membri għandhom jissorveljaw ir-rati ta' ġbir fuq bażi annwali skont l-iskema stabbilita fl-Anness I għal din id-Direttiva. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 2150/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, l-Istati Membri għandhom jittrasmettu b'mod elettroniku rapporti lill-Kummissjoni fi żmien 18-il xahar minn tmiem is-sena tar-rappurtar li għaliha tkun inġabret id-data. Ir-rapporti għandhom jindikaw kif inkisbet id-data neċessarja biex tiġi kkalkulata r-rata tal-ġbir.

* Ir-Regolament (KE) Nru 2150/2002 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2002 dwar l-Istatistika fuq l-Iskart (ĠU L 332, 9.12.2002, p. 1.);

(2) fl-Artikolu 12, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“5. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw dwar il-livelli ta' riċiklaġġ miksuba f'kull sena tal-kalendarju kkonċernata u dwar jekk l-effiċjenzi tar-riċiklaġġ imsemmija fl-Anness III, Parti B inkisbux. Huma għandhom jirrappurtaw id-data b'mod elettroniku lill-Kummissjoni fi żmien 18-il xahar minn tmiem is-sena ta' rappurtar li għaliha tkun inġabret id-data.”;

- (3) l-Artikolu 22 jitħassar;
- (4) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 22a

Inċentivi għall-applikazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart

Sabiex jikkontribwixxu għall-oġġettivi stipulati f'din id-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jużaw strumenti ekonomiċi u miżuri oħra biex jipprovdu inċentivi għall-applikazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart bħal dawk imsemmija fl-Anness IVa għad-Direttiva 2008/98/KE jew instrumenti u miżuri oħra xierqa.";

- (5) l-Artikolu 23 hu emendat kif ġej:

- (a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'li ġej:

"1. Sal-31 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, u l-impatt tagħha fuq l-ambjent u fuq il-funzjonament tas-suq intern.";

- (b) fil-paragrafu 2, il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"2. Fir-rapport tagħha, il-Kummissjoni għandha tinkludi evalwazzjoni ta' dawn l-aspetti ta' din id-Direttiva:".

Artikolu 3
Emenda tad-Direttiva 2012/19/UE

Id-Direttiva 2012/19/UE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 16 hu emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 5 huwa mħassar;

(b) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"6. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni, għal kull sena kalendarja, id-data dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafu 4.

Huma għandhom jirrappurtaw id-data b'mod elettroniku sa 18-il xahar minn tmiem is-sena ta' rappurtar li għaliha tkun inġabret id-data. Id-data trid tiġi rrappurtata fil-format stabbilit mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 9.

L-ewwel perijodu ta' rappurtar għandu jibda fl-ewwel sena kalendarja sħiħa wara l-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-format għar-rappurtar, skont il-paragrafu 9, u għandu jkopri d-data għal dak il-perjodu ta' rappurtar.

7. Id-data li jirrapportaw l-Istati Membri skont il-paragrafu 6 għandha tkun akkumpanjata b'rapport ta' verifika tal-kwalità.

8. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina d-data rappurtata skont il-paragrafu 6, u tippubblika rapport dwar ir-riżultat tar-rieżami tagħha. Ir-rapport għandu jevalwa l-organizzazzjoni tal-ġbir tad-data, is-sorsi tad-data u l-metodoloġija użata fl-Istati Membri, kif ukoll il-kompletezza, l-affidabbiltà, il-puntwalità u l-konsistenza ta' dik id-data. Il-valutazzjoni tista' tinkludi rakkomandazzjonijiet speċifiċi għat-titjib. Ir-rapport għandu jitfassal wara l-ewwel rappurtar tad-data mill-Istati Membri u kull erba' snin wara dan.
9. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw il-format għar-rappurtar tad-data msemija fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 21(2).";

(2) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 16a

Inċentivi għall-applikazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart

Sabiex jikkontribwixxu għall-oġettivi stipulati f'din id-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jużaw strumenti ekonomiċi u miżuri oħra biex jipprovdu inċentivi għall-applikazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart bħal dawk imsemmija fl-Anness IVa għad-Direttiva 2008/98/KE jew instrumenti u miżuri oħra xierqa.";

(3) fl-Artikolu 19, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 20 ta' din id-Direttiva rigward l-emendi meħtieġa sabiex tadatta l-Annessi IV, VII, VIII u IX għal din id-Direttiva u għall-progress xjentifiku u tekniku. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegat separat fir-rigward ta' kull Anness li jrid jiġi emendat. Fl-emendar tal-Anness VII għal din id-Direttiva, l-eżenzjonijiet mogħtija skont id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* għandhom jiġu kkunsidrati.

* Id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88).".

Artikolu 4
Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa ... [24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja]. Huma għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, huma għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew għandhom jinkludu referenza għaliha meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. Il-metodi kif issir din ir-referenza għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra dwar dan.

Artikolu 5
Id-dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 6
Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburg,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President